MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 499/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Kurt Gatt**
**Anthony Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti [Kurt Gatt ID no. 466084(M), u Anthony Gatt [ID no. 663657(M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Marzu, 2011 għall-ħabta tal-10.30 a.m. ġo Best & Less Butcher, Triq Dun Mikiel Vella, Tarxien,

1. Biegħ, offra għall-bejgħ jew kellu fil-pussess tiegħu għall-finijiet ta' bejgħ ikel għall-konsum mill-bniedem (fresh whole chicken) li t-tikketta stampata fuq il-maġfen x'aktarx tqarraq dwar ix-xorta, sustanza jew kwalita` tal-ikel kif ukoll tqarraq dwar il-preżentazzjoni tiegħu;

2. Biegħ, offra għall-bejgħ jew kellu fil-pussess tiegħu għall-finijiet ta' bejgħ ikel għall-konsum mill-bniedem (fresh whole chicken) li t-tikketti kienu b'mod li jistgħu jqarrqu lix-xerrej fi grad materjali b'mod partikolari dwar in-natura, identita` u l-propretajiet tiegħu;

3. Biegh, offra ghall-bejgh jew kellu fil-pussess tieghu għall-finijiet ta' bejgħ ikel għall-konsum mill-bniedem (frozen chicken breast u whole capon) li fuq it-tikketta ma kienx hemm indikat l-isem tal-bejgh tal-prodott, id-data tad-durabilita` minima, u l-isem tan-negozju u l-indirizz tal-manifattur jew ta' min jippakkja;
4. Biegħ, offra għall-bejgħ jew kellu fil-pussess tiegħu għall-finijiet ta' bejgħ ikel għall-konsum mill-bniedem (frozen chicken breast u whole capon) li jifforma parti minn lott li ma kellux miegħu indikazzjoni li hu lott;

5. Biegħ, offra għall-bejg#ħ jew kellu fil-pussess tiegħu għall-finijiet ta' bejgħ ikel għall-konsum mill-bniedem (fresh whole chicken) wara d-data murija fid-data użа sa li għandha x'taqsam magħha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Novembru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 17(f) tal-Kap. 9, l-artikoli 18(1)(a) u (b) u 18(2) tal-Kap. 449, l-artikoli 4.1(a)(i), 5.1(a)(d) u (f) u 16.1 tal-Avviz Legali 483 tal-2004, u stante li t-tieni akkuza ġiet assorbita f'tal-ewwel, sabet lill-appellanti ħatja tal-akkużi miġjuba kontrihom u kkundannathom għal multa ta' elf Ewro (€1,000) kull wieħed.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ippreżentat fid-29 ta' Novembru, 2011 li bih talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberhom minn kull ħtija u piena.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedini penali aġġornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti u ċioe':-

1. Rigward Anthony Gatt, għandu jinghad li hu mhux il-licensee tal-ħanut u la hu l-produttur, ħlief li hu missier l-imputat l-ieħor;

2. Dwar l-akkużi (1) u (2), l-element kostitutiv tar-reat huwa "li setghu jqarrqu". Mara tad-dar (u anke ragel tad-dar) altru li trid tkun waqgħet mis-sema fuq rasha u hadet daqqa fuq rash u tibqa` storduta biex ma tindunax anke mid-daqqa t'ghajn jekk tigiega hix friska jew iffrizata. Għax mhux il-pakkett jgħidilha kif inhi. Biżżejjed taqbad il-pakkett biex tinduna. Mela fejn hemm il-potenzjal li tista` tqarraq? Il-kwadru kien differenti kieku, kien f'ristorant fejn jingħad li hemm, per eżempju, ħut frisk, u dak li jiġi servut ikun ilu fil-friża mill-"ice age". Mela jonqos l-element kostituttiv tar-reati in kwistjoni;

3. Dwar l-akkuza numru (3). Ghandu jingħad li dan hu reat li jikkommettih min jippakkja. Ma saret l-ebda prova li l-esponenti mhux akkwistaw mingħand terzi imma kienu huma stess li rabbew it-tigieg u qatluhom u offrewhom ghall-bejgh. Jekk il-Qorti aċċettat id-dokumenti in fotokopja, kien jidher car li dawn ġew akkwistati u minn fejn. Issa r-raġjonevolezza anke fl-applikazzjoni tal-ligi titlob li indikazzjonijiet bħal dawn ikunu għall-ippakkjar ta' ikel li l-konsumatur ma jarahx b'għajnejh qabel jixtrih. Il-boroż tac-cellophane li bihom ikunu ppakkjati t-tiġieġ huma "see through" kompletament. Kien jonqos li l-appellanti jgibuhom ta' esposizzjoni oxxena fil-pubbliku, għax it-tiġieġ ma jkollhomx rixa fuqhom!

4. Dwar l-akkuza (4). Hawn ukoll tidhol ir-ragjonevolezza. Ħanut tal-laham mhux se jixtri tiġieġa imma jixtri numru ta' tiġieġ. Kif se jindika hu minn liema lott xtara ? Ġħax il-lott jagħmlu l-produttur u mhux hu. U kif ghandhom prova li huma parti minn lott u mhux tiġieġ uniċi minn lottijiet differenti ?

5. L-akkuża (5) tirreferi għat-tiġieġ li huma msemmija fl-akkuzi (1) u (2). Jekk dawn kienu indikati bħala "fresh" fuq il-pakkett u wara gew iffriżati, kif inghad, huwa logiku li

minn jixtri "best before" jaf li mhix għall-fresh. Jew in-nies boloh?

L-esponenti qajmu eccezzjoni dwar it-tip u l-kwalita` tal-prova migjuba, u cioe` fotokopji. Hawn ukoll għandna r-regoli dwar kif ghandhom jingiebu l-provi. Imma dak jidher li ma jimpurtax u kollox jghaddi. Mela nagħmlu Qorti, kif jghid il-Malti, fuq il-borza u t-tikketta li mhix is-sustanza għax in-nies ma jiklux il-boroż u t-tikketti, imma fejn jidħlu r-regoli tal-provi, u l-awtentiċita' tagħhom, dak ma jimpurtax !

L-esponenti jerġgħu jsostnu li fotokopji esebiti ma jagħmlux prova.

Ikkunsidrat :

Punti ta' natura proċedurali

Mill-atti jirriżulta li a fol 2, id-difiża kienet talbet l-isfilz tad-dokumenti li kienu esibiti bħala e-mails u invoices fotokopji mmarkatri PS2, PS3, u PS 4 għax ma jikkostitwux prova skont il-Liġi.

Il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba limitatament għall-PS3 li hija e-mail ta' AMG minħabba li l-persuna li bagħtet l-e-mail ma kinitx ikkonfermat l-email bil-ġurament.

Għalhekk fil-proċess baqgħu il-fotokopji li jidhru a fol 5 u 6. Aktar lura fil-proċess,a fol 8, jidher invoice ieħor ta' GB Fresh and Frozen Food Distributor. (Id-dokument jidher immarkat PS6 li kien ippreżentat minn Paul Spiteri).

Id-difiża qed tissottometti li l-fotokopji mhumiex prova ammissibbli mil-Liġi.

Il-Qorti eżaminat l-artikolu 520 (1) (e) tal-Kap 9. Permezz ta' dan il-paragrafu tal-ewwel subinċiż tal-artikolu 520, japplikaw l-artikoli 637 sa 633 u l-artikoli 635 sa 637 tal-Kap 12.

Rat ukoll li d-dokumenti PS 2 u PS4 inġabu mix-xhud minn għand l-appellant Kurt Gatt mix-xhud Paul Spiteri.

Fil-fehma tal-Qorti m'hemm xejn fl-artikoli msemmija aktar 'il fuq li jipprojbixxi l-preżentazzjoni ta' document li huwa fotojopja. PS u P4 kienu kkonfermati bil-ġurament minn Paul Spiteri. Awtentiċita' aqwa minn hekk ma jistax ikollok sakem ix-xhud ma jdihirx li ttituba dwar il-provenjenza tad-dokumenti waqt xi kontro-eżami dwarhom jew inkella f'xi konsiderazzjoni fis-sentenza.

Dwar id-dokument MM1, fit-trattazzjoni d-difiża ssottomettiet li dan kellu jkun ġuramentat mis-sinjorina Jacqueline Vella li hija l-Principal Environmental Health Officer.

Il-Qorti kkonsidrat li mill-intestatura tiegħu dan id-dokument ħareġ mill-Food Safety Commission u li x-xhud li ppreżentah xehed bil-ġurament il-provenjenza tiegħu. Il-covering letter f'dan id-dokument ma tidhirx li huwa fotokopja. Min-naħa l-oħra id-dokument MM2 (a fol 10) jidher li huwa fotokopja maħruġa fuq l-oriġinal li hemm fil-Food Safety Commission. Mhux prattiku u għaqli li jinġab id-dokument uffiċjali sakemm wieħed ma jkollux xi dubju dwar il-veraċita' tad-dokument ippreżentat. F'kull każ din il-parti tad-dokument (jew dak immarkat MM2) taqa' taħt l-artikolu 629(a) tal-Kap 12 – res applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 520. u għalhekk għandu jkun aċċettat.

Dwar dan il-punt, il-Qorti qed tirreferi għall-Blackstone's Criminal Practice li jgħid hekk fuq il-'Best Evidence Rule':

'The best evidence rule which was used in the 18th and early 19th centuries as an exclusionary rule, i.e. to prevent the admission of certain evidence where better was available, is now all but defunct. …(In) 'Thomas', a case or reckless driving in which a video recording of the route taken by the accused was ruled admissible to remove the need for maps and photographs and to convey a more accurate picture of the roads in question……

Lord Denning MR in Garton v Hunter (1969) 2 QB 37, while referring to the best evidence rule, said:

‘That old rule has gone by the board long ago. …….Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes to weight, and not to admissibility.’[1]

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti mhix tilqa’ dan l-aggravju tal-appellant (intestat ‘Tip ta’ Prova’).

**Il-Fatti**

Il-Qorti reġgħet semgħet ix-xhieda mill-ġdid.

Xehed Paul Spiteri, principal health inspector, li qal li waqt l-ispezzjoni kienu sabu tiġieġ li ma kellhomx traceability. Dawn kienu konfiskati. L-operatur huwa Kurt Gatt u l-licensee, kif imniżżel mal-Food Safety Commission, huwa missier Kurt Gatt, jiġifieri Anthony Gatt. (Ara Dok MM2, l-ID Card number, l-indirizz u d-data ta’ meta kienet iffirmata l-formola).

Xehed ukoll Malcolm David Micallef li huwa senior environmental health officer. Huwa kkonferma li l-liċenzja tar-reġistrazzjoni mad-dipartiment tas-saħħa tal-Best and Less Butcher qegħda f’isem Anthony Gatt. Fil-Liġi hemm obbliogu li iti tista’ tirreġistra kull post tal-ikel mal-Food Safety Commission.

Fit-trattazzjoni l-abbli Difensur issottometta li s-sur Anthony Gatt kien għadda kollox lit-tifel. Issottometta wkoll li kien faċli tinduna jekk it-tiġieġ hux frozen jew fresh. Għalhekk huw aneiqes l-element tal-qerq. Dwar il-lott, dak għandu jimmarkah min jipproduċi l-lott.

Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li ma kien hemm xejn irregolari dwar id-dokumenti. Żiedt tgħid li ma’għandna nħallu ‘l ħadd ibiegħ xi ħaġa bħala friska meta l-oġġett huwa frozen.

[1] Blackstone 2001 pages 1959 - 1960

Il-Qorti eżaminat ukoll ir-ritratti a fol 4. (immarkat bħala PS 1 u li kien ippreżentat minn Paul Spiteri.

Ikkonsidrat

Li l-kap 449 jipprovdi li :

‘licence’ means any authorizing document issued by any body or authority appointed by the Government for that purpose;

‘’licensee’ means any person to whom the licence is issued or any person acting in his stead;’

Mix-xhieda ta’ Paul Spiteri jirriżulta li lill-appellant Anthony Gatt ma sabuhx fuq il-post iżda dan l-appellant huwa l-licensee skont ir-records tal-Food Safety Commission. Għalhekk huwa jaqa’ taħt id-definizzjoni u jaqa’ wkoll ibnu, l-appellant l-ieħor, Kurt Gatt**.** **Għalhekk il-Qorti mhix tilqa’ l-ewwel parti tal-aggravju mmarkata bin-numru 1.**

**Dispożizzjonijiet legali relevanti.**

**L-Avviż Legali 483 tas-sena 2004**

Skont l-Avviż Legali 483 tas-sena 2004, ir-regolament 3.1

‘labelling’ means any words, particulars, trade marks, brand name, pictorial matter or symbol relating to a foodstuff and placed on any packing, document, notice, label, ring or collar accompanying or referring to such foodstuff’

‘lot’ means a batch of sales units of food produced, manufactured or packaged under similar conditions;

‘lot marking indication’ means an indication that allows identification of the lot to which a sales unit of food belongs.’

Issa r-regolament numru 4.1

The labelling and methods used must not
:
(a) be such as could mislead the purchaser to a material degree, particularly:

(i) as to the characteristic of the foodstuff and, in particular, as to its nature, identity, properties, composition, quantity, durability, origin or preenance, method of manufacture or production.

Min-naħa r-regolament 5.1 jgħid li ċerta dettalji jridu jidhru ta' bilfors fothom:

(d) the date of minimum durability or, in the case of foodstuffs which, from the microbiological point of view, are highly perishable, the 'use by' date;

(f) the name or business name and address of the manufacturer or packager, or of a seller established in Malta or within the European Community.

Fl-aħħarnett ir-regolament 16.1 jgħid:

'16.1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 16.6, ebda persuna ma tista' tbigħ jew toffri għall-bejgħ xi ikel li jifforma parti minn lott jekk dan ma jkollux miegħu indikazzjoni li hu lott.

**16.2 Il-lott li l-ikel fl-unità għall-bejgħ jifforma parti minnu għandu jkun determinat mill-produttur, il-manifattur, min jippakkja jew l-ewwel bejjiegħ f'Malta ta' dak l-ikel.**

16.3 Indikazzjoni li turi lott għandha tkun stabbilita u mwaħħla u r-responsabbilità għal dan taqa' fuq wieħed mill-operaturi speċifikati fir-regolament 16.2.

16.4 L-indikazzjoni li turi lott għandha tiġi quddiem l-ittra 'L', ħlief meta l-indikazzjoni tkun distinta ċar minn indikazzjonijiet oħra fuq l-ippakkjar tal-ikel jew fuq it-tikketta mwaħħla.

16.5 Fil-każ ta' ikel ippakkjat minn qabel, l-indikazzjoni li turi lott għandha tidher fuq l-ippakkjar ta' l-ikel jew fuq tikketta mwaħħla miegħu. Fil-każ ta' ikel mhux ippakkjat minn qabel, l-indikazzjoni għandha tidher fuq il-kontenitur ta' l-ikel jew fuq dokument kummerċjali li jkun ma' l-ikel. L-indikazzjoni trid tkun tidher faċilment, tinqara tajjeb u ma titħassarx.'

**Il-Kap 449**

18. (1) Kull persuna li tagħti, ma' xi ikel mibjugħ minnha, jew turi ma' xi ikel offrut jew muri minnha g]all-bejg] jew li jkollha fil-pussess tag]ha g]all-finijiet ta' bejg], xi tikketta, sew jekk mehmuża jew stampata fuq il-maħfen jew dak li jkunu mgeżwrin fiha sew jekk le, u kull persuna li tirreklama jew tgħin fir-reklamar li f'kull wieħed miż-żewġ każijiet –

(a) tiddeskrivi l-ikel b'mod falz; jew
(b) x'aktarx tqarraq dwar ix-xorta, sustanza jew kwalità ta' l-ikel,
tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu:

Iżda, f'kull proċedimenti taħt dan is-subartikolu, l-akkużat jista' jiddefendi ru]u billi jipprova li hu aġixxa bid-diliġenza xierqa u li ma kienx jaf, jew u li hu ma setax ikun jaf, li r-reklam kiser dan l-artikolu.

(2) Kull persuna li tbiegħ, jew toffri jew tesponi għall-bejgħ jew ikollha fil-pussess tagħha għall-finijiet ta' bejgħ, xi ikel li l-preżentazzjoni tiegħu x'aktarx tqarraq dwar ix-xorta, is-sustanza jew il-kwalità ta' l-ikel tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(3) F'kull proċedimenti dwar reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-fatt li t-tikketta jew ir-riklam li dwaru ikun allegat li jkun sar ir-reat ikun fihom dikjarazzjoni eżatta tal-kompożizzjoni ta' l-ikel ma jwaqqafx lill-Qorti milli ssib li r-reat ikun sar.

(4) F'dan l-artikolu ir-riferenza għal "bejgħ" għandha tinftiehem bħala riferenza għall-bejgħ għall-konsum mill-bniedem.

Ikkonsidrat

Il-Qorti tal-Maġistrati baħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mmotivat is-sentenza hekk:

***'Rat illi mix-xhieda tal-uffiċjali sanitarji huma setgħu jikkonstataw di prima persona anke permezz tar-ritratti li huma ħadu u li ġew esibiti u mmarkati Dok PS1 illi kien hemm xi tiġieġ li kellhom it-tiketta 'fresh' iżda dawn kienu ffriżati u kien ukoll xi oħrajn (chicken breasts) bla tikketta u kien hemm ukoll xi tiġieġ skaduti. Dan kollu jikser il-liġijiet sanitarji u mhux difiża li d-dokumenti esebiti huma fotokopji għaliex dawn huma l-uniċi dokumenti li setgħu iġibu l-imputati***.'

Il-Qorti diġa' ma laqgħetx l-ewwel parti tal-aggravju. (Ara aktar 'il fuq).

Dwar it-tieni parti l-Qorti qed tikkonsidra li l-Kap 449 u r-regolamenti li jaqgħu taħtu jorbtu b'mod li ma tibqax kwistjoni jekk konsumatur jistax jagħraf jew le jekk ħaġa hix friska jew frozen. Tant huma ibsin dawn ir-regolamenti li jekk wieħed ikun ser ibiegħ xi ħaġa wara l-expiry date, din irid jindikah ukoll kif jidher mill-bran t'hawn taħt:

*'In the light of the foregoing, I therefore propose that the Court should answer the question referred by the Verwaltungssenat by order of 1 June 2001 as*

*follows:Directive 2000/13/EC of the European Parliament and of the Council of 20 March 2000 on the approximation of the laws of the Member States relating to the labelling, presentation and advertising of foodstuffs, does not preclude a national rule which provides that, where foodstuffs are offered for sale after the period of their minimum durability has expired, that fact must be indicated clearly and in a generally intelligible manner in addition to the expiry date.'* [2]

Il-Qorti mhix taċċetta mas-sottomissjoni tad-difiża dwar il-potenzjal li tqarraq għax f'dawn ir-regolamenti m'hemm xejn li huwa soġġettiv. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-aggravju mmarkata bħala numru 2.

Dwar it-tielet parti tal-aggravju, il-Kap 449 imkien ma jirrikjedi xi prova tal-provenjenza. Jekk int qed tbigħ int qed tassumi r-responsabbilita' tal-ippakkjar li għandek. Bħalma sew issottomettiet il-Prosekuzzjoni dawn huma reati ta' strict liability u mhux kwistjoni li jinġabu provi ta' min ippakkja jew le. Lanqas m'hi aċċettabbli li l-boroż huma 'see through'. Hemm dettalji li l-liġi titlob li jidhru u dawn id-dettalji mhux qegħdin hemm. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din it-tielet parfti tal-aggravju.

Dwar ir-raba' parti tal-aggravju, l-ewwelnett il-Qorti tirreferi għal dak li jiddisponi r-regolament 16.2 riprodott aktar 'il fuq. Dan jagħmilha ċara li l-bejjiegħ ukoll huwa wieħed min-nies li huma marbutin li jindikaw il-lott li l-ikel espost għall-bejgħ jaqa' taħtu. U għalhekk il-Qorti mhix taċċetta s-sottomissjoni li saret li l-lott għandu dmir jimmarkah Il-produttur biss. **Min-naħa l-oħra iżda l-Qorti qed tilqa' din ir-raba' parti tal-aggravju minħabba nuqqas ta' prova dwar mil-liema lott ġew il-prodotti jew jekk kinux ġejjin minn lottijiet differenti.**

Dwar il-ħames parti tal-aggravju li jirreferi għall-ħames imputazzjoni, il-Qorti tirreferi għall-konsiderazzjonijiet

---

[2] Opinion of the Advocate General Tiziano 10 t'Ottubru 2002 Preliminary Plea Unabhangiger Verwaltungssenat im Land Niederhausen (Austria).

tagħha aktar ‘il fuq. Żgur li mhux aċċettabbli li jinbiegħ ikel skadut. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ħames parti tal-aggravju.

Konklużjoni

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad d-idversi partijiet tal-aggravju kollha tal-appellant għajr għar-raba' parti. Konsegwentement qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-18 ta' Novembru 2011 billi qed tikkonfermaha fejn sabet lill-imputati ħatja tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-ħames imputazzjoni iżda qed tħassarha u tirrevokha fejn sabithom ħatja tar-raba' imputazzjoni u imponiet multa ta' elf ewro fuq kull wieħed mill-imputati-appellanti u minflok qed tilliberahom mir-raba' imputazzjoni kif ukoll qed tibdel u tvarja l-multa imposta fuqhom f'kundanna għall-ħlas ta' multa ta' seba' mija u ħamsin Ewro (€750)minn kull wieħed mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------